IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 19**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 16 ta' Frar 2016 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi-Ċerpersin |

**Peress illi ċ-Ċerpersin u l-Viċi Ċerpersin kienu skużati, ippresieda l-laqgħa l-aktar membru anzjan is-Sur George Attard.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B17**

1.01 Il-Kumitat ikkunsidra l-minuti tas-seduta nru B17. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B17

1.02 Is-Sur Anglu Portelli talab emenda f'item **4.06** u jiġi jaqra kif ġej: Emenda
**"Is-Sur Anglu Portelli** qal li s-servizz tal-ġbir tal-iskart u t-tqassim tad-distribuzzjoni tal-gas, ma kienx qed jingħata lir-residenti tal-Ġnien tal-Marġa, l-Baħrija". Din l-emenda ġiet issekondata mis-Sur George Attard u għaddiet unanimament.

1.03 Il-minuti tas-seduta nru B17 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament hekk kif emendati u ffirmati mis-Sur George Attard u mis-Segretarju Eżekuttiv.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

## 2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B17

*Punti li joħorġu mill-Minuti B17*

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan il-każ huwa mmarkat bħala *Case Closed* mal-Korporazzjoni Enemalta. Is-Sur George Attard qal li x-xogħol fuq l-imsemmi *wire* kien għadu ma sarx. Ġie deċiż li jinfetaħ każ ieħor mal-Korporazzjoni Enemalta u dan l-ilment jerġgħa jintbgħat mil-ġdid. *Wire tad-dawl imdendel, fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima*

2.02 2.02 Is-Sur George Attard qal li l-*handyman* tal-Kunsill kien għadu ma ikkuntatjahx sabiex imorru fuq il-post. *Bankina mkissra fi Triq il-Lewż*

2.03 4.01 Is-Sna Marthese Cortis infurmat il-laqgħa li din il-bozza ġiet irranġata. *Bozza mar-residenza Sardinella, il-Kunċizzjoni.*

2.04 4.03 Is-Sur Anġlu Portelli nforma l-laqgħa li din il-bozza ġiet irranġata. *Bozza fuq il-Każin PL, il-Baħrija*

2.05 4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li din it-triq saret mill-Gvern Ċentrali. *Triq bit-tarmac l-isfel mill-Palazz, il-Baħrija*

2.06 4.06 Is-Sur Anglu Portelli kkonferma li din il-problema ġiet solvuta. *Servizz tal-ġbir tal-iskart u tqassim ta' gas ġewwa l-Ġnien tal-Marġa*

## 3.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B18

3.01 Il-minuti tas-seduta nru B18 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-membru s-Sur George Attard u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B18*

## 4.00 Komunikazzjoni mill-Membri

4.01 Is-Sur Anglu Portelli qal li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fetħu gandott ġewwa Triq il-Ġnien tan-Nigra u li dan tħalla miftuħ. Huwa talab li tintbgħat korrispondenza lill-entita kkonċernata sabiex dan l-gandott jingħalaq bit-tarmac. *Gandott ġewwa Triq il-Ġnien tan-Nigra.*

4.02 Is-Sur Anġlu Portelli qal li hemm bozza quddiem l-iskola fuq l-ispiżerija, li qegħda tixgħel u titfi sabiex tiġi rrapurtata lill-kuntrattur konċernat. *Bozza tixgħel u titfi fuq l-ispiżerija tal-Baħrija.*

4.03 Is-Sur Anġlu Portelli qal li kellu talba mingħand is-Sinjura Censina Giordmaina, li toqgħod 'Pink House', Triq il-Ġnien tal-Marġa, sabiex jitneħħew il-*Bring In Sites* li hemm quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kumitat ma qabilx li din it-talba tigi milqugħa. *Bring In Sites, ġewwa Triq il-Ġnien Tal-Marġa*

4.04 Is-Sur Anġlu Portelli staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-bozoz li kienu twaħħlu u ma nxtgħelux mil-Korporazzjoni Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv *Bozoz ġodda li twaħħlu u ma nxtgħelux*

infurmat il-laqgħa li kienet ser tivverifika f'hiex wasal il-proċess maċ-Ċerpersin Paul Grech, li kien qed jieħu ħsieb tali każijiet. Il-Kumitat qabel li jekk twaħħlu xi bozoz f'postijiet li ma kienux approvati mil-Korporazzjoni Enemalta dawn għandhom jinqalgħu.

**5.00 Korrispondenza**

5.01 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa.

**6.00 Materji Oħra**

6.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa.

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.25 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 22 ta' Marzu 2016

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**